

Brussell, 11 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10842/24

TRANS 290
FIN 526
MI 587
IND 304

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: ¹	10442/24 + COR 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 04/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-isforzi tal-UE lejn il-kisba tal-obiettivi tagħha tas-sikurezza fit-toroq – Approvazzjoni

1. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppublikat ir-rapport speċjali tagħha Nru 04/2024 intitolat "L-ilħuq tal-obiettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE – Wasal iż-żmien li ningranaw"¹.
2. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-proċedura għall-eżami tar-Rapporti Speċjali mfasslin mill-Qorti tal-Awdituri², fis-27 ta' Marzu 2024 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art biex jeżamina r-rapport³.
3. Wara preżentazzjoni tar-rapport speċjali u l-ewwel diskussjoni fost id-delegazzjonijiet fil-25 ta' April 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imħejji mill-Presidenza fil-laqgħat tiegħu tat-8, is-17, l-24 u t-28 ta' Mejju 2024. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw ukoll kummenti bil-miktub.

¹ 7853/24. Ir-rapport speċjali huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Qorti:

<http://eca.europa.eu>.

² 7515/00 + COR 1

³ 7855/24.

4. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tat-28 ta' Mejju 2024, saru aktar emendi għall-abbozz⁴ li jirriflettu kummenti sussegwenti minn żewġ delegazzjonijiet. Dawn l-emendi kienu jikkonċernaw il-paragrafi 12, 16, 18 sa 22 fl-Anness ta' din in-nota wara n-numerazzjoni mill-ġdid tal-paragrafi.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-5 ta' Ġunju 2024.
6. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

⁴ Id-dokument 9513/5/24 REV 5.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 04/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "L-ilħuq tal-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE – Wasal iż-żmien li ningranaw".

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali 04/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat fl-14 ta' Marzu 2024, "L-ilħuq tal-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE – Wasal iż-żmien li ningranaw", li jipprovdi eżami fil-fond tas-sitwazzjoni attwali u x-xejriet fis-sikurezza fit-toroq fl-UE, b'mod partikolari hekk kif ninsabu f'nofs il-perjodu ta' politika 2021-2030.
2. JAQBEL mal-Qorti tal-Awdituri li wasal iż-żmien għal evalwazzjoni li tippermetti t-titjib kontinwu tas-sikurezza fit-toroq li jirrikjedi azzjonijiet fuq diversi fronti li jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju jew approċċ integrat (bħall-Approċċ ta' Sistema Sikura), li jinvolvi l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha, l-utenti kollha tat-toroq, l-industrija u l-atturi tas-soċjetà ċivili; dan sabiex jintlaħqu l-miri ambizzjużi li jitnaqqsu bin-nofs l-imwiet u l-korrimenti serji fit-toroq sal-2030 (meta mqabbla mal-2019) u li sal-2050 in-numru ta' vittmi tat-toroq ikun iqarreb kemm jista' jkun iż-żero permezz ta' "Viżjoni Zero" jew strateġiji effiċjenti simili.
3. JILQA' l-progress f'xi Stati Membri lejn l-ilħuq tal-miri tagħhom li jnaqqsu bin-nofs l-imwiet u l-korrimenti serji fit-toroq sal-2030, madankollu JAGĦRAF li l-progress ġenerali attwali mhux biżżejjed biex tintlaħaq dik il-mira.
4. IFAKKAR fl-analiżi u l-impenji tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sikurezza fit-toroq tat-8 ta' Ġunju 2017, li japprovaw id-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta⁵ li enfasizzat l-impatt inaċċettabbli fuq il-bniedem u s-soċjetà ta' fatalitajiet tat-traffiku u inċidenti serji.

⁵ Ara d-dokument 9994/17.

5. Filwaqt li JIEĦU KONT tal-punti ta' tluq differenti tal-Istati Membri, JIRRIMARKA li fil-qasam ta' politika ta' kompetenza kondiviża tas-sikurezza fit-toroq, id-differenzi fil-metodi, il-prattiki u l-karatteristiċi nazzjonali bejn l-Istati Membri huma sors siewi għat-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar Prattiki li fihom jipparteċipaw l-Istati Membri.
6. JESPRIMI TĦASSIB SERJU dwar l-għadd kbir ta' utenti tat-triq attivi u vulnerabbli (persuni bil-mixi, ċiklisti, utenti ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti, scooters elettriċi) fost l-imwiet ta' inċidenti tat-traffiku fl-UE, kemm f'żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali, li qed jiffaċċjaw dejjem aktar vetturi akbar u itqal, u dwar ir-riskju għoli li l-utenti żgħażaġh u anzjani tat-triq jinqatlu jew iwegġġhu serjament fit-traffiku, filwaqt li jappella għal aktar għarfien dwar id-data dwar l-esponiment u jħeġġeġ azzjoni xierqa.
7. JIRREFERI għall-impenji biex tiġi żgurata l-koeżistenza sikura ta' mezzi differenti ta' trasport kif espressi fid-dikjarazzjoni Ewropea interistituzzjonali dwar iċ-ċiklizmu⁶ li ġiet iffirmata reċentement u JIRREFERI għar-reviżjoni li għaddejja tad-direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan⁷, li fiha qed jiġu diskussi skemi regolatorji madwar l-UE kollha għal sewwieqa ġodda u għal sewqan akkumpanjat, kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-kapaċità għas-sewqan.
8. JIEĦU NOTA tal-qbil milħuq fil-livell politiku dwar ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju Ewropew li jiffaċilita l-infurzar transkonfinali ta' reati tat-traffiku⁸, u li l-biċċa l-kbira tal-imwiet fit-toroq fl-UE huma l-konsegwenza diretta ta' reati tat-traffiku.
9. JINSAB IMĦASSEB li l-imġiba b'riskji għolja fit-triq għadha kawża ewlenija tal-ħabtiet fit-toroq, speċjalment il-veloċità eċċessiva, is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-drogi, id-distrazzjoni jew l-għejja waqt is-sewqan u s-sewqan mingħajr ċinturin tas-sikurezza, innuqqas ta' użu jew l-użu mhux korrett ta' sistemi għat-trażżin għat-tfal u ta' tagħmir protettiv.

⁶ 4 ta' April 2024, 6215/24.

⁷ Ara l-approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar proposta għal direttiva ġdida dwar il-liċenzji tas-sewqan, adottat fl-4 ta' Diċembru 2023, 16345/23.

⁸ Qbil politiku proviżorju milħuq fit-12 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

10. JIRRIKONOXXI l-importanza dejjem tikber tal-modi attivi tat-trasport fil-mobbiltà ta' għada, b'kont meħud, fost affarijiet oħra, tal-iffrankar tal-enerġija, il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, u li l-politika pubblika għandha tinkoraġġixxi din it-tranżizzjoni għall-benefiċċju ta' kulħadd, b'mod partikolari fir-rigward tat-tiġib tas-sikurezza u l-aċċessibbiltà fit-toroq.
11. JIRREFERI għad-Dikjarazzjoni ta' Stokkolma tad-19 u l-20 ta' Frar 2020⁹, b'mod partikolari r-risoluzzjoni nru 11 li tħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi jagħtu mandat għal veloċità massima tal-ivvjaġġar bit-triq ta' 30 km/h f'żoni fejn l-utenti tat-triq attivi u vulnerabbli u l-vetturi jitħalltu b'mod frekwenti u ppjanat, ħliet fejn teżisti evidenza qawwija li velocitàt jiet oġhla huma sikuri. JINDIKA li l-ispazju pubbliku huwa minnu nnifsu limitat, u li għalhekk il-velocitàt jiet iridu jiġu aġġustati, fejn xieraq, sabiex jiġi żgurat l-użu sikur tal-ispazju kondiviż. JILQA' l-azzjonijiet li ttieħdu f'dan ir-rigward madwar l-UE.
12. JIRRINGRAZZJA lill-Kummissjoni talli appoġġat il-proġetti Baseline u Trendline, li jikkontribwixxu biex tiġi segwita l-evoluzzjoni lejn żero fatalitajiet u korrimenti serji madwar l-Ewropa u biex titkejjel l-effettività tal-investimenti fis-sikurezza fit-toroq. JINNOTA B'SODISFAZZJON li l-Istati Membri kollha huma involuti fil-proġett Trendline ta' segwitu.
13. JAGĦRAF il-benefiċċji tal-komparabbiltà tad-data dwar is-sikurezza fit-toroq madwar l-Istati Membri, inkluż data dwar il-ħabtiet fit-toroq. IQIS li huwa possibbli li jitwettqu azzjonijiet immirati sew fil-livell tal-UE anke jekk il-metodoloġiji tal-Istati Membri ma jkunux kompletament armonizzati, peress li t-talba għal armonizzazzjoni sħiħa tista' twassal biex inqas Stati Membri jkunu lesti li jinvolvu ruħhom fi proġetti tal-UE, il-komparabbiltà storika ssir aktar diffiċli u tista' toħloq piż amministrattiv sproporzjonat.
14. IQIEGĦED IMPORTANZA KBIRA fuq investigazzjoni indipendenti biex jiġu identifikati l-kawżi tal-ħabtiet fit-toroq li jwasslu għal korrimenti serji u fatalitajiet sabiex jiġu evitati fil-futur.

⁹ Ara d-Dikjarazzjoni ta' Stokkolma ffirmata matul it-Tielet Konferenza Ministerjali Globali dwar is-Sikurezza fit-Toroq "Achieving Global Goals 2030" tad-19 u l-20 ta' Frar 2020.

15. JISSOTTOLINJA l-ħidma li għaddejja fil-Grupp ta' Esperti CARE biex tinġabar u tiġi rrapportata data dwar korrimenti serji fit-toroq li tippromwovi l-użu ta' definizzjoni komuni bbażata fuq l-iskala tat-trauma MAIS3+, kif ukoll jiġu kondiviżi kemm jista' jkun l-għarfien disponibbli u l-prattiki tajbin. JIRRIKONOXXI l-ammont ta' xogħol amministrattiv u JIRRIMARKA l-importanza tal-protezzjoni tad-data, iżda f'dan ir-rigward JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappurtar tal-vittmi tat-traffiku fit-toroq, inkluż l-utenti vulnerabbli tat-triq, u li jkun hemm data komparabbli dwar korrimenti serji fl-UE.
16. JENFASIZZA inizjattivi dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fit-toroq appoġġati mill-Kummissjoni u mħeġġa mill-Parlament Ewropew, bħall-Għodda għall-Monitoraġġ tas-Sikurezza fit-Toroq mill-Osservatorju Ewropew għas-Sikurezza tat-Triq (ERSO), u l-Proġett tal-UE għall-Iskambju tas-Sikurezza fit-Toroq (EURSE), li permezz ta' żjarat ta' studju u workshops nazzjonali jippermettu skambji konkreti ta' għarfien u l-aħjar Prattiki bejn l-awtoritajiet fl-Istati Membri tal-UE u l-partijiet ikkonċernati dwar suġġetti differenti dwar is-sikurezza fit-toroq. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-appoġġ finanzjarju f'dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' finanzjament li għandhom jiġu miftiehma għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. JENFASIZZA l-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza fit-Toroq, fejn l-Istati Membri jitgħallmu kontinwament mill-miżuri ta' sikurezza, il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tajba ta' xulxin.
17. JILQA' l-progress li qed isir fl-implimentazzjoni ta' standards minimi ta' sikurezza għal vetturi ġodda skont ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali¹⁰ u l-isforzi li qed isiru mill-Istati Membri biex jiżguraw l-affidabbiltà stradali ta' flotta li qed tiqdiem fil-kuntest tal-ispezzjoni tal-vetturi, kemm spezzjonijiet tekniċi perjodiċi kif ukoll spezzjonijiet waqt it-traġitt. F'dan ir-rigward, JIRREFERI għall-proposta li jmiss tal-pakkett rivedut dwar l-Affidabbiltà stradali. Hekk kif il-flotta gradwalment tirriġenera u dejjem aktar vetturi fit-toroq tal-UE huma mgħammra b'Sistemi Avanzati ta' Assistenza għas-Sewwieq (ADAS), nistgħu nistennew impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-imwiet u tal-korrimenti serji.
18. IFAKKAR li s-sikurezza tal-vetturi hija wkoll marbuta mal-karatteristiċi tekniċi bażiċi tagħhom u l-imġiba tas-sewwieq, u li s-sistemi ta' sikurezza attivi u passivi huma biss kontromiżuri biex jiġu limitati r-riskji relatati.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/2144, ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1.

19. JIRRIKONOXXI l-investimenti f'infrastruttura tat-toroq ta' kwalità għolja, reżiljenti u sostenibbli.
20. JENFASIZZA l-importanza ta' interkonnnettività u interoperabbiltà ta' data relatata mat-traffiku, it-trasport u l-vetturi, li jikkonformaw mar-regolamenti dwar il-privatezza tad-data, biex tittejjeb il-ġestjoni tat-traffiku u tas-sikurezza fit-toroq.
21. JAGĦRAF il-potenzjal tat-teknoloġiji innovattivi li jsaħħu s-sikurezza fit-toroq. JINNOTA li biex jiġi massimizzat dan il-potenzjal, daww it-teknoloġiji jridu jkunu faċli biex jintużaw u sikuri sa mid-disinn, u s-sewwieqa għandhom ikunu jafu kif jagħmlu użu korrett u sikur minnhom. Madankollu, JIRRIKONOXXI wkoll ir-riskju assoċjat ta' distrazzjoni waqt is-sewqan, li għalih is-sensibilizzazzjoni tas-sewwieqa permezz ta' taħriġ, kampanji u infurzar tas-sewwieqa, u permezz ta' teknoloġija mtejba huma essenzjali.
22. JIRREFERI għar-Regolamenti reċenti li għandhom impatt fuq il-vetturi awtomatizzati¹¹ u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma filwaqt li tinkludi wkoll regolamenti tekniċi dwar vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje illimitata, li fihom tingħata attenzjoni għall-introduzzjoni ta' dawn il-vetturi fit-toroq tal-UE b'mod sikur u integrat. JISTIENEN ukoll lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex il-mobbiltà awtomatizzata ssir realtà sikura fis-sistema kollha tat-trasport, u fuq l-isfidi relatati rigward l-intelliġenza artifiċjali, b'attenzjoni partikolari għall-koeżistenza ta' vetturi awtomatizzati ma' utenti vulnerabbli tat-triq, vetturi motorizzati b'żewġ roti u vetturi oħra kkontrollati mill-bniedem.
23. IĦADDAN bidla modali billi jikkonvinċi lill-utenti tat-toroq biex jużaw dejjem aktar modi ta' trasport attivi u kollettivi, biex itejbu l-kwalità tal-ħajja, is-saħħa, il-klima, l-inklużività, u fuq kollox is-sikurezza fit-toroq, filwaqt li jiffoka fuq politiki ta' sikurezza b'saħħithom għal dawn il-modi.

¹¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1426 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistema tas-sewqan awtomatizzata (ADS) ta' vetturi awtomatizzati kompletament u r-Regolament Deleġat (UE) 2022/2236 fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi għal vetturi prodotti f'serje illimitata, vetturi prodotti f'serje żgħira, vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje żgħira u vetturi bi skop speċjali, u fir-rigward tal-aġġornament tas-software.

24. JAPPREZZA l-isforz tal-Kummissjoni biex tipprovdi rekwiżiti tekniċi għal apparat ta' mobbiltà personali li jaħdem bl-elettriku (apparat ta' mikromobbiltà), li jintuża minn grupp dejjem jikber ta' utenti tat-triq, li jwassal għal aktar fatalitajiet u korrimenti. JAGĦRAF li hemm differenza kbira fl-approċċ u r-regolamentazzjoni fost l-Istati Membri fir-rigward ta' dawk l-apparati, li għandhom l-għan li l-utenti tat-triq attivi u vulnerabbli jiġu protetti aħjar. JIRREFERI f'dak ir-rigward għall-Gwida Tematika tal-Kummissjoni¹², li tinkludi l-aħjar Prattika u rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar l-integrazzjoni tal-mikromobbiltà fl-ippjanar tal-mobbiltà urbana, u JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha fuq l-għoti ta' gwida għall-użu sikur ta' apparati ta' mobbiltà personali, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri.
25. JINNOTA l-progress importanti li qed isir fil-proċeduri ta' sikurezza għat-tfassil ta' infrastruttura maġġuri tat-toroq, wara r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-ġestjoni tal-infrastruttura tas-sikurezza fit-toroq fl-2019, JIRRIMARKA li xi Stati Membri qed japplikaw dawn il-proċeduri ta' sikurezza b'mod aktar wiesa' milli jirrikjedi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari barra t-toroq ewlenin u ffinanzjati, jew le, mill-fondi Ewropej. JISSOTTOLINJA li l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMPs) ser issir obligatorja għal kull nodu urban skont ir-Regolament TEN-T rivedut¹³, li jirrifletti l-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq stabbiliti fil-linji gwida tal-Unjoni, u JENFASIZZA li s-sikurezza fit-toroq hija kundizzjoni abilitanti tematika għall-immappjar ta' proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond ta' Koeżjoni¹⁴.
26. JAPPREZZA l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'mod sħiħ jew parzjali u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi u l-kooperazzjoni tagħhom mal-Kummissjoni biex isegwu l-linji ta' azzjoni rilevanti għal dawk ir-rakkomandazzjonijiet. JAGĦTI importanza kbira lil kooperazzjoni kontinwa u b'saħħitha fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kemm individwalment kif ukoll fi proġetti fuq bażi wiesgħa, inkluż skambju tal-aħjar prattiki.

¹² Gwida Tematika tal-SUMP dwar l-Użu Sikur ta' Apparati ta' Mikromobbiltà f'Żoni Urbani, ippubblikata f'Diċembru 2021 bħala parti minn kompendju ta' dokumenti ta' gwida tal-UE.

¹³ PE-CONS 56/24 + ADD 1 sa 29.

¹⁴ L-Anness IV, il-punt 3, tar-Regolament (UE) 2021/1060, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.